# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
*CITTÀ FERDINAND*

# MINUTI

## SEDUTA NRU 238 – Il-Tnejn 17 t'Ottubru 2011

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju temporanju, Ċentru Azzjoni Kattolika, Triq il-Parroċċa, is-Siġġiewi, fis-7:00p.m. Is-Sindku l-Perit Robert Musumeci ippresieda.

## PREŻENTI

Is-Sindku l-Perit Robert Musumeci
Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Kunsillier Nicholas Cassar
Il-Kunsilliera s-Sinjura Rita Psaila
IL-Kunsillier Joe Sammut
Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Tanti
Il-Kunsillier Dr Mark A. Vassallo

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

## TALBA

Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta numru 237 ikunu approvati bħala dokument korrett. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 2. PUNTI LI JOHORĠU MILL-MINUTI NRU 237

**2.1 Sitwazzjoni ta' Għar Lapsi**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien infurmat mid-direttur ġenerali tal-MRRA, il-Perit Ray Farrugia, li l-applikazzjoni mal-UE kienet saret u huwa għandu kopja tagħhom. Kopja tagħha għandha tingħata disponibbli għall-Kunsilliera.

**2.2 Shelters fil-Pjazza**

Il-Viċi-Sindku qal li l-bokka quddiem l-istatwa ta' San Nikola ingħalqet, u fil-jiem li ġejjin mistenni li jitħaffru l-kanali tal-ilma, u kif dawn jitlestew ikunu jistgħu jiġu d-*draughtsmen* biex isiru l-pjanti tagħhom.

Mario Mizzi intalab iressaq lill-Kunsill id-disinn tal-bokok.

**2.3 Arriva**

Il-Viċi-Sindku qal li biex inkomplu insegwu s-sitwazzjoni għandna nitolbu laqgħa mal-uffiċjal inkarigat ta' Transport Malta. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jsegwi din il-materja.

**2.4 Bandli ta' Lapsi Park**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li wara li żar dawn ijl-bandli mal-uffiċjal tal-*Malta Standards Authority,* jidher li hemm diffikultà serja. Dan minħabba li dawn ma jilħqux l-istandards neċessarji. Il-bandli kollha jridu jkunu mdawrin b'ċint ta' 1.3m u magħluqin b'żewġ *gates*. Kull sett ta' bandli jridu jonqsu minn tlett siġġijiet għal tnejn biex ikun hemm spazju biżżejjed bejniethom. Is-*see-saw* irid ukoll jitneħħa.

L-applikazzjoni skont memo 66/11 għalhekk tinkludi dawn il-bidliet kollha u tinkludi wkoll it-talba ta' żewġ *play areas.*

2.5 **Ġbir ta' żebbuġ fi Triq Mons Mikiel Azzopardi**

Il-Kunsilliera Rita Psaila u Nicholas Cassar qal li wasslulhom diversi ilmenti dwar il-qtugħ taż-żebbuġ minn ħaddiema ta' kumpanija partikolari.

Il-Kunsillier Joe Sammut qal li s-sotto kumitat tal-bdiewa qed jitolbu li s-sena d-dieħla dan iż-żebbuġ jinqata' minnhom u l-fondi li jinġabru jingħataw lid-Dar tal-Providenza. Huwa għalhekk ippropona biex il-Kunsill jaċċetta dan is-suġġeriment.

Il-Viċi-Sindku qal li għandna niżguraw minn issa li s-sena d-dieħla dan iż-żebbuġ ma jinġabarx mill-kumpanija msemmija.

Il-Kunsillier Mark Vassallo issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 3. FINANZI

**3.1 Pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti. Is-Sindku ippropona li l-pagamenti, barra dawk relatati mal-Kumitat Konġunt jiġu approvati kif inhuma.
Il-Kunsillier Mark Vassallo issekonda. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

Is-Sindku ressaq għall-vot il-ħlasijiet relatati mal-Kumitat Konġunt. L-eżitu kien:
Voti Favur: 6
Voti Kontra: 0
Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina astjena.

# 4. ĊENTRU ĊIVIKU

iL-Viċi-Sindku qal li rigward it-*tender LCS 15/11 Supply, installation & maintenance of lift,* kien hemm tlett offerenti li tnejn minnhom inkludew żewġ *options*, u ieħor tliet *options.* Il-kumitat qabbad espert biex jgħinu jħejji r-rapport. Il-kumitat flimkien mal-espert eżamina l-offerti. Il-parir li l-kumitat ingħata huwa li jintgħażel *lift* tat-tip *hydraulic*. u wasal għall-konklużjoni li l-aħjar offerta hija dik tas-Central Trading Co. Ltd.,

Huwa poġġa fuq il-mejda r-rapport tal-Kumitat u ippropona li l-Kunsill jagħżel din l-offerta.

Il-Kunsillier Joe Sammut issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Il-Viċi-Sindku qal li nstab li hemm problema tad-drenaġġ fil-parti wkoll tal-għassa tal-pulizija. Għalhekk se ssir sistema ġdida li tinvolvi wkoll il-parti tal-Każin Laburista.

Huwa kompla jgħid li x-xogħol tal-Membrane kien tneħħa mit-tender, madankollu x-xogħol irid isir issa. Din l-ispiża ma taqbiżx l-€2,000. Huwa ippropona li dan ix-xogħol isir b'mod immedjat, kif ukoll issir il-blokka tal-arblu, u dawn l-ispejjeż jitqiesu bħala żjieda fit-*tender*.

Is-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Il-Viċi-Sindku qal ukoll li l-faċċata ta' wara tal-bitħa fiha ħafna affarijiet li jridu jiġu irranġati. Għalhekk se jsir *method statement* u se tintalab stima tax-xogħolijiet.

# 6 HWEJJEĠ OHRA

## 6.1 Triq Ramija

Il-Kunsill sema' l-ilment imressaq minn residenti fil-parti tat-triq fejn din tidjieq 'l isfel mill-flats tal-Gvern. Il-Viċi-Sindku ippropona li għandha ssir it-talba lil Transport Malta, biex issir *one-way*, wara li tintbagħat ittra lir-residenti tal-qrib.

## 6.2 Law Enforcement System

Il-Viċi-Sindku qal li kif ilkoll nafu d-deċiżjonijiet dwar din is-sistema jittieħdu fil-Kunsill Reġjonali. Huwa qal li għandha titressaq proposta lill-Kunsill Reġjonali li n-numru ta' siegħat m'għandhux jiġi impost fuq il-Kunsill Lokali Siġġiewi.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 6.3 Rivista tal-Kunsill

Il-Kunsillier Nicholas Cassar ilmenta li din is-sena r-rivista baqgħet ma ħarġitx. Is-Sindku ippropona li din għandha toħroġ fl-ewwel ġimgħat tas-sena d-dieħla qabel l-elezzjoni tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.4 Crash Barrier f'Għar Lapsi**

Il-Kunsillier Jesmond Tanti qal li kemm-il darba intlaqat iċ-ċint fejn hemm il-parkeġġ tal-coaches u ippropona li jsir xi forma ta' lqugħ. Il-Kunsilliera Rita Psaila issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.5 Traffic Management fi Triq Mons Mikiel Azzopardi**

Il-Kunsillier Jesmond Tanti poġġa fuq il-mejda petizzjoni ta' diversi persuni residenti fl-imsemmija triq u fit-toroq tal-madwar fejn qed jitolbu li f'din it-tirq qrib il-kantuniera ma' Triq il-Kbira issir Zebra Crossing biex b'hekk in-nies b'mod partikolari ir-residenti ta' Wied Xkora jkunu jistgħù jaqsmu b'anqas periklu.

## GHELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku, il-Perit Robert Musumeci iddikjara din is-seduta magħluqa fit-8:30pm u ippropona li s-Seduta li jmiss titlaqqa' **nhar it-Tnejn, 21 ta' Novembru fis-7:00pm.** Il-Kunsilliera aċċettaw b'mod unanimu.

**Il-Perit Robert Musumeci**
**Sindku**

**Is-sur Nikol Baldacchino**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Konfermati llum it-Tnejn, 21 ta' Novembru, 2011**

APPROVAL OF PAYMENTS
Financial year 2011

| DETAILS | DEBIT | CREDIT |
|---|---|---|
| parking metres | | 0.58 |
| parking metres | | 1.16 |
| skips | | 1.16 |
| skips | | 1.16 |
| parking metres | | 1.74 |
| skips | | 2.32 |
| trenching permits | | 2.33 |
| trenching permits | | 2.33 |
| trenching permits | | 2.33 |
| cranes 2948-2949 | | 4.66 |
| trenching permits | | 4.66 |
| cranes 2969 | | 6.99 |
| books | | 8.00 |
| books | | 9.30 |
| cranes 2960-2962 | | 9.32 |
| lifelong learning courses | | 9.88 |
| outing birdpark 2/11/11 | | 11.00 |
| cranes 2963-2967 | | 11.65 |
| south eastern region - LES invoice oct11 | | 15.14 |
| cranes 2939-2947 | | 23.30 |
| cranes 2950-2959 | | 23.30 |
| cranes 2970-2979 | | 25.63 |
| north region - LES invoice oct11 | | 26.79 |
| central region - LES invoice oct11 | | 45.42 |
| lifelong learning courses | | 49.76 |
| wsc - trenching permits invoice oct11 | | 51.26 |
| birdpark malta - outing 2/11/11 | | 53.00 |
| south region - LES invoice oct11 | | 69.87 |
| lifelong learning courses | | 70.00 |
| wsc - trenching permits invoice sept11 | | 72.23 |
| regjun nofsinhar - les invoice 9/2011 sept11 | | 96.63 |
| birdpark malta outing 2/11/11 | | 161.00 |
| lifelong learning courses | | 164.82 |
| birdpark malta outing 2/11/11 | | 200.00 |
| birdpark malta - outing 2/11/11 | | 206.00 |
| outing montekristo 20/10/11 | | 250.00 |
| akl - credit LES ac024 | | 262.25 |
| skema libreriji 2011 | | 466.00 |
| les ac 040 sept11 | | 581.61 |
| les ac 040 august11 | | 756.10 |
| les ac 040 july11 | | 1269.00 |
| les ac 040 oct11 | | 1407.61 |
| skema lokalitajiet indaf | | 1450.00 |
| les ac 040 june11 | | 1595.11 |
| skema kulturali wirja agrarja 2011 | | 3000.00 |
| govn allocation | | 160531.67 |
| govn allocation | | 169327.29 |
| a.aquilina - attendance library oct11 18.5hrsx5.86 | 108.41 | |
| access point - connections in temporary ZAK offices aug11 inv2198 | 295.00 | |
| access point - it agreement nov11 inv2154 | 236.00 | |
| akl - registrazzjoni laqgha kunsilliera 19/11/11 n.cassar, r.psaila | 100.00 | |
| alex camilleri - pc oct11 inv53 | 847.43 | |
| anton zarb - benches 2 iroko inv147-11 | 768.06 | |
| arms - electricity premises 18 pjazza san nikola 9/7/11-8/9/11 | 635.02 | |
| arms - gnejnet l-armonija 9/7/11-8/9/11 | 90.89 | |

APPROVAL OF PAYMENTS
Financial year 2011

| | | |
|---|---|---|
| arms - water premises 18 pjazza san nikola 9/7/11-8/9/11 | 94.16 | |
| asklm - luggage training madrid 13-17/12/11 progett EUCDM | 30.00 | |
| avantech - photocopier maintenance inv148788 | 207.49 | |
| b.grima - reflector for ta kandja road inv2761 | 70.80 | |
| bank guarantee civic centre project | 12000.00 | |
| birdpark malta - outing 2/11/11 inv127 | 630.00 | |
| callus - planting public spaces nov11 inv1286 | 1452.30 | |
| callus - planting public spaces oct11 inv1285 | 1452.30 | |
| callus - planting public spaces sept11 inv1282 | 1452.30 | |
| cassie camilleri - clerikal work oct11 20hrsx7.2 | 144.00 | |
| cementstone - kerb for pavement repair inv86774 | 55.46 | |
| central asphalt - cold asphalt for patching oct11 | 742.29 | |
| cir - oct11 | 1842.60 | |
| doi - advert closure pjazza 4/12/11 | 9.32 | |
| doi - advert lista hawkers monti 15/11/11 | 17.08 | |
| etc - employers list for eu application | 23.00 | |
| ganaja - pavements guze bartolo inv 2B-11 1570.70-78.54mf | 1492.17 | |
| ganaja - pavements mm azzopardi inv2E-11 103.76-5.19mf | 98.57 | |
| ganaja - pavements papa pawlu inv 2A-11 489.56-24.48mf | 465.08 | |
| ganaja - pavements qajjied inv2d-11 570.88-28.54mf | 542.34 | |
| ganaja - pavements sta margerita inv2c-11 1081.95-54.10mf | 1027.85 | |
| go - 21462946 oct11 | 20.70 | |
| go - 21465799/21465805 oct11 | 211.70 | |
| go - 21466000 oct11 | 20.63 | |
| go - 21468874 oct11 | 89.00 | |
| go - adsl nov11 | 34.94 | |
| grace mizzi - cleaning council premises aug11 | 146.79 | |
| grace mizzi - cleaning council premises oct11 | 139.80 | |
| grupp armar - bozoz festuni milied inv02 | 271.00 | |
| guard & warden - conference skola 19/11/11 | 79.20 | |
| j.gatt - cm fee sept11 | 761.30 | |
| j.zammit - Zak 2 floodlights icw wirja arti jum siggiewi 2010 inv8128nexos | 90.01 | |
| jgc - 2 rubber safety tiles dr n zammit play fld inv139-11 po101/11 | 20.00 | |
| klikk - computer tower (ritienne's desk) inv5398 | 504.00 | |
| klikk - stationery inv4860 | 24.50 | |
| kumitat kongunt - les oct11 inv cjc384 | 478.69 | |
| kumitat kongunt - les sept11 invcjc378 | 437.22 | |
| louis stationery - books arts & crafts inv280 | 31.06 | |
| louis stationery - newspapers may-sept11 inv279 | 415.40 | |
| maltapost - stamps 1000x20c | 200.00 | |
| mayor honoraria july11 | 596.50 | |
| mayor honoraria oct11 | 596.50 | |
| mepa - monitoring civic centre project inv6799 | 35.50 | |
| mepa - monitoring civic centre project inv6857 | 108.25 | |
| milord - cleaning non urban oct11 inv262 | 3753.46 | |
| milord - disposal of dead animal at wasteserv on 7/11/11 | 40.00 | |
| ministry resources - overtime icw civic centre 60/2011 | 256.78 | |
| mita - e-mails july-sept11 invlsgw11 | 14.91 | |
| n.baldacchino - petrol expenses nov11 | 96.00 | |
| n.baldacchino - reimb of expenses inv121331 | 37.63 | |
| nexos - street lighting repairs inv2010198 | 1762.01 | |
| nexos - street lighting repairs inv2010221 | 1870.76 | |
| nicolai gatt - updating website oct11 inv14 | 60.00 | |
| nikolina abela - refund lifelong learning italian rec11919 | 34.94 | |
| nvc - jigger repair inv4599 | 28.00 | |
| nvc - key cutting inv4598 | 20.55 | |

APPROVAL OF PAYMENTS
Financial year 2011

| | | |
|---|---|---|
| nvc - operating material inv4904 | 22.65 | |
| nvc - operating material po78/11 inv4597 | 12.90 | |
| nvc - operating material po80/11 inv4600 | 7.50 | |
| nvc - operating material po81/11 inv4901 | 92.52 | |
| nvc - operating material po84/11 inv4902 | 19.04 | |
| nvc - operating material po86/11 inv4903 | 20.25 | |
| nvc - operating material po89/11 inv4905 | 3.30 | |
| nvc - operating material po91/11 inv4906 | 25.00 | |
| nvc - operating material po92/11 inv4907 | 47.33 | |
| nvc - operating material po93/11 inv4908 | 23.45 | |
| nvc - operating material po95/11 inv4909 | 58.00 | |
| nvc - operating materials po97/11 inv4911 | 159.93 | |
| nvc - operating materials po98/11 inv4912 | 140.39 | |
| nvc - safety equipment icw civic centre inv4910 | 85.50 | |
| pauline bonnici - refund lifelong learning italian rec11919 | 34.94 | |
| pavi - milk inv 9082 | 9.07 | |
| raymond attard - extra cleaning festa 2011 inv2666 | 613.60 | |
| raymond attard - ss oct11 inv2709 | 3538.25 | |
| salaries - oct11 | 4409.02 | |
| smart - cleaning material inv13026295 | 8.94 | |
| smart - stationery inv13026294 | 115.05 | |
| vodafone - 99491670 oct11 | 57.47 | |
| vodafone - 99762218 oct11 | 92.70 | |
| wasteserv - nsw waste sept11 inv12742 | 4502.80 | |
| xuereb - bulky refuse oct11 inv7890801 | 577.12 | |